# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **31** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **l-Erbgħa 15 ta' Frar 2012 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| Preżenti | Membri |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur John B. Camilleri (daħal fis-7.10p.m.)<br>Is-Sur Sandro Gatt (daħal fit-8.20p.m.)<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sinjura Carmen Fearne |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużat | Is-Sur Jesmond Mugliett |

## Aġenda

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 30.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni ta' Tenders:
   **KLM 2011/12 –** Restoration works of St.Anne Niche and St.Thomas stone monument and polychrome relief.
6. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2011.
7. Data għall-Laqgħa Annwali tal-Kunsill.
8. Mistoqsijiet.
9. Mozzjonijiet.
10. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
11. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 30(1) tas-17 ta' Jannar 2012:**

1.1.1 Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet li għalkemm hija kienet imniżla skużata hija kienet fuq xogħol tal-Kunsill u għaldaqstant talbet li jitniżżel fil-minuti r-raġuni għaliex hija kienet skużata.

1.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi it-tieni paragrafu ta' punt 3.14 ta' paġna 6 irid jinbidel u jinqara hekk:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li parti mill-kont ta' l-ELC għadu ma ġiex approvat għar-raġuni li t-tistbieb ta' madwar il-luzzu ma kienx għadu komplut għax il-madwar tal-luzzu li jinsab fi Triq il-Blajjiet kantuniera ma' Triq Ħaż-Żabbar biex nagħtu ċans xahar sakemm jitilgħu l-pjanti".*

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti kif emendati u ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

Ma kienx hemm l-ebda punt.

3.0 ***Kommunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Telephone Box fi Pjazza Mifsud Bonnici (35/0686/12/I) :**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta komunikat fuq talba li konna bagħatna diversi drabi sabiex din it-*telephone box* titneħħa minħabba li kienet qed tkun mira għall-atti ta' vandaliżmu. Huwa kompla jispjega li l-GO kienet infurmatna illi m'għandhomx intenzjoni illi din it-*telephone box* titneħħa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar żied jgħid illi hu kien kellem rappreżentant mill-GO fejn kien spjegalu r-raġuni għaliex konna qed nitolbu li din it-*telephone box* titneħħa. Huwa kompla jgħid li kien intlaħaq ftehim illi l-ħġieġ tal-*telephone box* jinbidel u jsir tal-*perspex* sabiex insolvu l-problema li kull darba jkissru l-ħġieġ u anke nevitaw il-periklu.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.2 **Laqgħa ma l-Air Quality Specialist u l-bżonn li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li wara li konna ħriġna żewġ *tenders* għal-*Air Quality Specialist,* fejn l-ewwel darba ma kien ittenderja ħadd, u t-tiena darba ma kien magħżul ħadd u għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li nqabdu lill-Dr. Buhagiar b'żewġ *direct orders.* Huwa kompla jispjega illi issa ma nistgħux nerġgħu noħorġu *direct order* oħra u allura rridu noħorġu sejħa għal-kwotazzjoni fuq perjodu ta' żmien xhur.

Il-Kunsill qabel unanimament li noħorġu sejħa għal-kwotazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab li jiġu irranġati l-minuti jew irid jitniżżel li Dr. Buhagiar għamel xogħol kemm ta' analiżi kif ukoll dak ta' testijiet.

Kien hemm qbil unanimu sabiex nitolbu lil Dr Buhagiar jibgħatilna l-informazzjoni tad-data.

3.3 **<u>Reviżjoni tal-Allokazzjoni Finanzjarja (35/0575/12/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsilliera illi r-reviżjoni fl-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill hija t'ammont għal €707534 minn €712263 cioe tnaqqis ta' €4729. Minn dawn tnaqqset l-allokazzjoni tat-tipping fees b'€2159 li se jmorru għal Wasteserv u allura t-tnaqqis li jaffetwa lill-Kunsill huwa ta' €4929 - €2159 = €2570.

3.4 **<u>EU information display structure at Marsaskala (35/0614/12/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-korrispondenza mingħand il-MEUSAC fejn spjega li xi studenti kienu għamlu *modern street furniture* li tinkludi fija *WI-Fi* b'xejn u talbu li npoġġu din l-*street furniture* fil-lokal tagħna mis-17 ta' Frar 2012 sas-17 ta' April 2012.

Il-Kunsill approva unanimament u jekk ikun possibli npoġġuha fic-*central strip* fejn hemm il-bandiera tal-lokal.

3.5 **<u>Prize Day – St Thomas More College Sta Lucia Girl's Secondary (35/0605/12/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li bħal kull sena talbu sabiex jingħata ktieb mill-Kunsill sabiex jiġi preżentat fil-*prize day*.

Il-Kunsill qabel unanimament li jingħata ktieb għal prize day u li l-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne għandha tieħu ħsieb il-proċess.

3.6 **<u>Ħsara fil-vettura HAS738 tas-Sur Laurence Attard (35/0486/12/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekttiv informa lill-Kunsilliera illi s-Sur Lawrence Attard kien qed jitlob rifużjoni ta' €300 għal ħsara li ġarrab fil-karozza minħabba ħofra li kien hemm fi Triq il-Miklem Malti.

Is-Sindku qal li dan l-aħħar 15-il ġurnata kellu diversi lmenti minn residenti li kienu ġarbu ħsara fil-vetturi tagħhom u hu spjegalhom li dawn ma setgħux jitolbu rifużjoni għal dawn l-ispejjeż minħabba li l-ħofor ma setgħux jimtlew minħabba il-maltemp kontinwu li kien qed jagħmel. Huwa kompla jgħid illi fil-każ tas-Sur Laurence Attard huwa każ differenti minħabba ill meta tħaffret din il-ħofra ma kienx maltemp u allura għandha tingħata rifużjoni ta 75%.

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata rifużjoni ta' €225.

3.7 **<u>Childcare Centre ġewwa Marsaskala (35/0353/12/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara diversi *reminders* li konna bagħtna fuq il-*childcare centre*, rċivejna risposta fejn infurmawna illi għalkemm mhux possibli li dan iċ-ċentru jinfetaħ fl-iskola huma ddentifikaw sit idoneju.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li kieku il-Ministeru kkunsidraw it-talba tagħna għal dan ic-*childcare centre* meta konna bagħatna l-ewwel rikjesta tagħna, seta` forsi jifetaħ l-iskola peress li s-sajf li għadda kienu qegħdin jibnu l-estensjoni tal-klassijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lill-Ministeru u nitolbu jgħidluna fejn hu dan is-sit u jekk hemmx diġa xi applikazzjonijiet.

3.9 **Ittra Anonima Case No 103/12 (35/0645/1/I):**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti bl-ittra anonima li ntbagħtet lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u lill-Awditur Ġenerali. Wara li din l-ittra anonima ġiet meħuda bħala moqrija, l-Kunsill iddeċieda illi jirrispondi din l-ittra kif ġej:

*Għal informazzjoni ta' din il-persuna anonima, tajjeb li wieħed ikun jaf illi l-Kunsill għadu kemm rebaħ proġett tal-ERDF amalgamat mat-turiżmu li jiswa madwar €360,000 fejn ser jsir tisbieħ madwar Torri San Tumas kif ukoll parti minn Triq il-Qaliet eżatt il-parti ta' quddiem il-villel billi ser jsir railing, garden furniture kif ukoll dwal ġodda. Sabiex intrebaħ dan il-proġett, il-Kunsill intrabat illi bilfors irid jorganizza attivita` kulturali fix-xahar l-aktar fil-viċinanzi ta' fejn ser jsir it-tisbieħ għal perjodu ta' ħames snin.*

*Apparti dan li qed jingħad, is-Segretarju Eżekuttiv spjega fid-dettal illi l-allegazzjonijiet li hemm fl-ittra anonima huma kolla nfondati u qara l-ittra tiegħu bħala tweġiba. Is-Sindku qiegħed ukoll jistaqsi l-Kunsilliera preżenti u dan wara li nqrat l-ittra anonima flimkiem mar-risposta tagħna moqrija mis-Segretarju Eżekuttiv, jekk il-Kunsilliera preżenti għandhomx xi kummenti ta' kif qed jitwettaq ix-xogħol mis-Sur Alfred Debono fuq il-kultura.*

Il-Kunsilliera preżenti kollha wrew l-apprezzament tax-xogħol siewi li qed jagħmel is-Sur Alfred Debono fuq il-kultura. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-uniku ħaġa li kellu kumment fuqha kienet li l-Kunsilliera għandhom id-dritt li jkunu jafu bl-affarijiet qabel ma ssir xi attivita` kif fil-fatt qed isir.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-attivitajiet kulturali jibqgħu jiġu organizzati mis-sottokumitat tal-kultura fejn bħala membru hemm ukoll is-Sur Alfred Debono.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri daħal għall-laqgħa fis-7.10p.m.***

➢ ***Intalbu s-sospenzjoni tar-regolamenti***

Is-Sur Alfred Debono preżenta u qara l-komunikat sabiex jiċċara l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward ta' l-ittra anonima.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri kompla jispjega ma dak li kien hemm miktub fl-ittra tas-Sur Alfred Debono fejn spjega illi meta hu jiċċertifika kont li fil-każ tiegħu huwa tad-dawl, huwa personali jara illi dak li jkunu kkwotaw fuqu jkun intuża kollu sabiex tittella l-attivita`.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet ukoll illi fil-każ tagħha hija kienet irriżenjat mill-kariga tal-kultura mhux għax ma setgħatx taħdem mas-Sur Alfred Debono iżda għax hija kellha fiduċja assoluta tax-xogħol li kapaċi jwettaq is-Sur Alfred Debono.

Il-Kunsill qabel unanimament illi r-risposta li ppreżenta lis-Sur Alfred Debono tinbagħat ukoll lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali bħala risposta ta' din l-ittra anonima.

3.10 **Stimi Annwali mingħand is-Sur Alfred Debono rigward l-attivitajiet:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi n-nefqa totali wara li jitnaqqas l-*isponsor* min-naħa tal-MTA ma jaqbiżx il-*budget* allokat mill-*budget* tal-Kunsill.

Is-Sur Alfred Debono spjega illi l-ispejjeż tal-attivita` tal-Karnival ġew inqas milli kien ibbaġidjat .

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġġerixxa illi s-siġġijiet nixtruhom u mhux nikruhom kull darba.

Is-Sur Alfred Debono wieġbu illi l-Kunsill ma jaqbillux jixtrihom għaliex apparti li jistgħu jinsterqu, meta nikruhom dawn jġibuhom u jpoġġuhom huma u jerġgħu joħduhom lura.

Il-Viċi Sindku is-Sur Charlot Mifsud staqsa għaliex il-banda qegħda mniżżla darbtejn kemm f'Jum Marsaskala u kemm f'Iljieli Skalin.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-ammont allokat għal banda m'għandux għalfejn ikun eċċessiv u ma jaqbiżx €900 preferibilment.

Is-Sur Alfred Debono wieġbu illi fil-każ ta' Jum Marsaskala se tintuża u qiegħed jitkellem magħhom sabiex jagħtuna skont pero` filwaqt ta' l-Iljieli Skalin mhux se tintuża kif jidher fit-tieni kolonna tal-*budget*.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-*budget* tal-attivitajiet u qabel ukoll illi noħorġu sejħa ta' kwotazzjoni għal kull fejn hemm bżonn.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġġerixxa illi noħorġu sejħa għal kwotazzjoni għal sena fuq dawk l-affarijiet li nużaw dejjem fl-attivitajiet bħas-siġġijiet u affarijiet oħra.

❖ Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud informa lill-Kunsilliera illi se jorganizza ħarġa għal-Għawdex bħas-snin ta' qabel.

3.11 **Annual General Meeting tad-Douzelage ġewwa Zvolen 17/5/12 – 20/5/12 (35/0484/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li din s-sena l-laqgħa ġeneral annwali tad-Douzelage se ssir fi Zvolen mis-17 ta' Mejju 2012 sa l-20 ta' Mejju 2012 fuq it-tema *Teaching Science and the understanding of climate change.*

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li l-istudenti ta' l-Iskola Primarja ta' Marsaskala jistgħu jagħtuna materjal siewi fuq dan is-suġġett.

Il-Kunsill qabel li jitilgħu l-istess tlett rappreżentanti tal-Kunsill li telgħu s-sena l-oħra li huma s-Sindku, l-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud u fil-każ tal-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt il-Kunsill qabel li nsaqsuh jekk hux ser jipparteċipa meta jkun preżenti fil-laqgħa u żewġ studenti bejn it-18 u il-25 sena. L-ismijiet ta' l-istudenti se jiġu ppreżentat fil-laqgħa li ġejja

Il-Kunsill qabel unanimament li noħorġu sejħa għal-kwotazzjoni għal flight tickets.

➢ ***Intalbu s-sospenzjoni tar-regolamenti***

6.0 ***Approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena 2011:***

L-Accountant is-Sur Lawrence Cauchi beda biex jgħid li l-programm tal-*fixed assets register* beda jeħel u ma setgħax jiffinalizzhom u din kienet problema ta' diversi Kunsilli Lokali u għaldaqstant għamel *provisional figures.*

L-Accountant is-Sur Lawrence Cauchi spjega l-*financial statements* fid-dettal u ġew approvati proviżjonalment u l-Kunsill jinsab b'*surplus* ta' €26,000

Il-Kunsill approva unanimament l-*financial statements.*

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għall-laqgħa fit-8.20p.m.***

Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt jekk kienx ser jattendi għal laqgħa ġenerali annwali.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ikkonferma l-attendenza tiegħu għal din il-laqgħa.

3.12 **Bżonn li tiġi rranġata iż-żona kollha madwar il-latrina ta' Żonqor:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri spjega li bħalissa qed tiġi *refurbished* il-latrina taż-Żonqor u hemm bżonn li jiġi rranġat il-madwar tal-latrina sabiex jiġi evitat il-periklu li hemm.

Il-Kunsill qabel unanimament li tiġi rranġata ż-żona kkonċernata.

3.12.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni illi hemm bżonn li jinżabru s-siġar ta' Triq il-Blajjiet għaliex kibru ħafna u qed jgħatti l-bozzoz u anke qed isir ħsara fuq il-*wires* tad-dawl.

3.12.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni illi ħdejn il-*pump room* li hemm fi Triq il-Blajjiet min naħa ta' Triq Ħaż Żabbar qed jużawa xi nies għal skopijiet pesonali.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lill-W.S.C sabiex ninfurmawhom b'dan l-aġir.

3.13 **Proġett tal-UIF ta' Triq is-Salvja, Vajrita, Nadur, Miġbħa u Friefet għal ammont ta' €39,004.10:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan ix-xogħol kien sar wara li sar l-agreement mal-MEPA għal fondi tal-UIF, iżda tal-MEPA ma setgħux japprovaw lproġett li sar minħabba li l-bankini ma setgħux ikunu konformi mal-kundizzjoni ta' Trasport Malta.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex tintbagħat din l-ittra.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri nforma lill-Kunsill illi wara diversi talbiet li kien għamel hu stess sabiex issir il-bankina fuq naħa waħda fi Triq il-Blajjiet minn Triq Għaxqet l-Għajn sa Triq iż-Żonqor. Huwa kompla jgħid illi sa fejn jaf hu il-*costings* kienu diġa saru u biex jiġi nstallat id-dawl m'għandiex għalfejn issir trinka għaliex ser issir katusa fil-bankina u jgħaddu l-*wires* minn ġo fiha.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar żied jgħid illi jekk issir il-bankina se nkunu qed nifrankaw mill-qtugħ ta' ħaxix li jsir f'din it-triq.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex napplikaw għal fondi tal-UIF.

3.14 **Ittra milll-Kulleġġ St.Thomas More Skola Primarja Marsaskala (35/0286/12/I):**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti illi qed jitolbu għajnuna finanzjara min-naħa tal-Kunsill sabiex jinxtara apparat u riżorsi għall-istudenti bi bżonnijiet speċjali.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi jinsab dubjuż jekk tingħata għajnuna finanzjarja ta' dan it-tip.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali sabiex nistaqsuhom jekk nistgħux nagħtu din it-tip ta' għajnuna.

3.15 **Korrispondenza mill-Public Contracts review Board fejn iż-żewġ appelli nqatgħu favur il-Kunsill Lokali:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi l-Kunsill rebaħ iż-żewġ appelli li kellu fuq it-tender tal-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk nistgħux nibdew xi xogħol fil-bandli peress li għad fadal xi tlett xhur oħra sabiex jiġu pproċessati d-dokumenti kollha meħtieġa.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi ma nistgħux nibdew ix-xogħol qabel ma jkollna d-dokumenti kollha neċessarji. Apparti minn hekk informa lill-Kunsilliera ukoll li l-kamra tal-pompa fi Pjazza Mifsud Bonnici kellha terġa tiġi mibnija mil-ġdid biex jitwaħħal l-appart tas-CCTV iktar il-quddiem.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa dwar il-possibilita` li l-kaxxa tad-dawl li tinsab ftit aktar il-bogħod issir ukoll f'din il-kamra l-ġdida. Is-Segretarju Eżekuttiv se jiċċekja mal-Perit dwar dan.

3.16 **Memo 9/2012 – Projbizzjoni ta' tipjip fil-Playgrounds Ġonna Pubbliċi (35/0723/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera bil-memo li bagħat id-Dipartiment fuq projbizzjoni ta' tipjip fil-*playgrounds* u ġonna pubbliċi li fihom logħob tat-tfal.

Inqalet diskussjoni sa fejn se tkun il-limitu għat-tipjip fil-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li tlabna diversi drabi lid-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex jgħidulna jekk fil-parti fejn għandhom l-imwejjed u siġġijiet tal-ħwienet huwiex projbit għat-tipjip.

3.17 **Rigward il-proċess tal-Works Tender tal-ERDF 212:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi s-Sindku u hu kienu iltaqaw mat-tlett kuntratturi li kienu issottomettew l-offerta tagħhom sabiex jispjegalhom kif kienet ser ssir il-proċedura tan-*negotiated procedure* u li t-*tender* il-ġdid kienet ser tagħlaq fid-29 ta' Frar 2012 fil-11.00am.

3.18 **Informazzjoni rigward il-kontijiet pendenti mal-MED Design:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi s-Segretarju Eżekuttiv flimkien miegħu kienu ltaqgħu mal-Avukat sabiex jittieħed parir legali fuq dan il-kont. Huwa kompla jgħid illi l-Avukat nfurmhom illi l-Med Design għandu d-dritt li jitlob għal dawn l-ispejjeż, pero` għad irid jiġi kjarifikat l-ammont minħabba li l-Kunsill kien diġa ħallas spejjeż fuq il-proġett ikkonċernat.

3.19 **Informazzjoni dwar tender li jrid jinħareġ dwar Latrini Pubbliċi:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm il-bżonn li noħorġu t-*tender* tal-latrini pubbliċi u li hemm żewġ alternattivi ta' kif nistgħu noħorġuh li huwa kien ipprepara wara li kkonsulta diversi tenders.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qalu li l-ftuħ tal-latrini fix-xitwa sat-8.00p.m huwa twil. Għaldaqstant huma ssuġġerew illi il-ħinjiet tax-xitwa u tas-sajf għandhom jkunu kif imniżżla hawn taħt.

**Fix-xitwa mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta Mejju:**

Latrina ta' Triq il-Qaliet (Bajja San Tumas):

Mit-Tnejn sal-Ħadd
Mis-7.00a.m sas-7.00p.m

Latrina ta' Triq iż-Żonqor (Ħdejn il-pixxina):

Mit-Tnejn sal-Ħadd
Mis-7.00a.m sas-7.00p.m

Latrina ta' Triq is-Salini (Ħdejn l-ekx Jerma):

It-Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis
mis-7.00a.m sas-7.00p.m

Il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd
mis-7.00a.m sat-8.00p.m

Latrina ta' Pjazza Dun Tarcis Aguis (taħt il-Knisja):

It-Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis
mis-7.00a.m sas-7.00p.m

Il-Ġimgħa u l-Ħadd
mis-7.00a.m sat-8.00p.m

Is-Sibt
mis-7.00a.m sad-9.00p.m

**Fis-sajf mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru għal-latrini kollha ta' Marsaskala**

It-Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis
mis-7.00a.m sal-11.00p.m

Il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd
mis-7.00a.m sa-12.00a.m

Il-Kunsill qabel unanimament mal-ħinijiet kemm tax-xitwa kif ukoll tas-sajf.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq il-*mobile cleaning* u dan għal perjodu tax-xitwa skond kif spjegat fl-ispeċifikazzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li fil-latrina ta' taħt il-Knisja ser jkun hemm xi ħadd preżenti fiha, pero` fil-latrini l-oħra ser kun hemm *mobile cleaning*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ssuġerixxa illi jkun hemm *fixed locked frame* bil-kopja ta' l-attendenza fih.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġġerixxa wkoll li minħabba l-attendenza, ssir xi ħaġa elettronika. Huwa ssuġġerixxa ukoll illi l-valur għandu jitniżżel għal kull latrina separata, dan minħabba 'l fatt illi jekk xi latrina partikolari jkun se jsirilha xi *refurbishement* u tkun magħluqa allura ma jsirx ħlas f'dawk il-ġranet.

Il-Kunsill qabel unanimament illi fit-*tender* jitniżżel illi l-Kunsill jirriserva d-dritt li jinstalla dak li hemm bżonn u meta tkun magħluqa ma jsirx ħlas għal dak il-perjodu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk offerent jistgħax jittenderja għal latrina waħda biss. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li din mhijiex possibli minħabba li fit-tender hemm stipolat ukoll mobile cleaning u allura ikun aħjar li t-tender tingħata lill-kuntrattur wieħed.

❖ Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne ssuġġerit sabiex isir transport kull nhar ta' Sibt sabiex ikun hemm van li jiġbor lir-residenti u jtella` lil dawn ir-residenti l-liberja pubblika li hemm ħdejn l-iskola. Dan is-servizz jiġi offrut darba kull ħmistax bejn id-9.00a.m u 12.00p.m

Il-Kunsill qabel mal-prinċipju u għandna naraw jew insibux xi *sponsor.*

3.20 **<u>Informazzjoni dwar il-ktieb li se jsir mis-Sur Raymond Scerri għat-tfal ta' Year 5 u year 6 ta' l-iskola primarja:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-faċċata tal-ktieb għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa kompla jispjega li se jkollha tinħareġ sejħa għal-kwotazzjonijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament li nippublikaw 1000 ktieb.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne, il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt u l-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ħarġu mill-laqgħa fid-8.45p.m***

3.21 **<u>Hole in the road (35/0805/12/I):</u>**

Is-Sindku preżenta ittra tas-Sinjura Anna Satariano fejn qed titlob rimbors ta' €129.00 għal ħsara li ġarbet fil-vettura tagħha fi Triq id-Daħla ta' San Tumas minħabba l-ħofra kienet mimlija bl-ilma għax kienet niżla x-xita.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din ir-rikjesta ma tistax tiġi milqugħa minħabba 'l fatt li meta kellha l-inċident ma setax isir *patching* minħabba l-kontinwita tax-xita.

3.20 **<u>Garanzija Bankarja rigward PA 5007/07 – Sur Adrian Dalli:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi s-Sur Dalli kien reġgħa bagħtilna komunikat sabiex jistaqsina meta kien se jsir il-patching minħabba li kien għadda ħafna żmien.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

Ġiet ippreżentata lista ta' kontijiet bi kreditu u dawk li tħallsu b'urġenza biex jiġu approvati għall-pagamenti.

4.1 Il-Kunsill qabel unanimament li jitħallas il-kont ta' l-ELC rigward *parks and gardens* għax-xahar ta' Jannar 2012 li jammonta għal €1543.75 li kien ġie ppreżentat wara li kienet intbagħtet l-iskeda tal-pagamenti finali.

4.2 **Pagament Nru 1218:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi dan il-kont ta' l-Avukat huwa fuq iż-żewġ appelli tal-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici. Huwa kompla jgħid illi l-Avukat tal-Kunsill ma setgħetx tirrappreżentana f'dawn iż-żewġ appelli u ma setgħawx jinbidlu d-dati ta' l-appelli u għaldaqstant irreferitna għal-Avukat ieħor li fil-fatt irrappreżentana f'dawn iż-żewġ appelli b'hekk il-kont ġie €1400.00.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li għalkemm dawn kienu fuq l-istess appell, huma żewġ appelli differenti u għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament illi din l-*invoice* li tammonta €1400.00 ma titħallasx u nitolbu lill-Avukat jibgħatilna żewġ *invoices* differenti għal kull appell u jitħallsu minnufih.

Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia staqsa illi peress li rbaħna l-appell nistgħux nitolbu għall-ispejjeż.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li l-appell fil-Public Contracts Review Board ma ntrebaħx bl-ispejjeż.

4.3 **Pagament Nru 1246:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi d-diskrezzjoni ta' dan il-pagament trid tinbidel minn *patching works in various streets* għal *resurfacing and patching in various streets.*

4.3.1 Il-Kunsill qabel unanimament illi dan il-pagament ma jitħallasx sakemm ma jagħmilx ix-xogħol li għandu pendenti fuq il-*patching* u jekk ix-xogħol jibqa` ma jsirx, il-Kunsill jikkunsidra li jittermina il-kuntratt tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera preżenti li s'issa nfaqna iktar minn nofs il-*budget* allokat fuq *resurfacing* u *patching* ibbaġidjat għas-sena 2012 meta tikkunsidra li għadna fil-bidu tas-sena. Il-Kunsill fil-fatt din is-sena alloka €88,000 għal xogħolijiet infrastrutturali. Is-Segretarju Eżekuttiv saħaq li irid ikollna stima mingħand il-Perit qabel ma nwettqu proġetti infrastrutturali.

4.4 **Pagament Nru.1256**

Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri staqsa fuq iż-żieda li qed jitlob tad-diesel.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan il-kuntrattur setgħa jitlob iż-żieda fid-diesel skond kif kien imniżżel fl-kuntratt tiegħu u li l-kont tiegħu kien ġie iċċekjat minnu stess.

5.0 ***Aġġudikazzjoni ta' Tenders:***

**KLM 2011/12 – Restoration works of St.Anne Niche and St.Thomas stone monument and polychrome relief.**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-*tender schedule*.

| | Kuntrattur | Ammont inkluż il-VAT |
|---|---|---|
| 1. | KAP Services Ltd | €4,380.00 |
| 2. | Aguis Stone Works Ltd | €9,168.60 |
| 3. | Mr. Neil Miguel Borg | €10,407.60 |
| 4. | Mr. Jason Bugeja | €4,280.00 |

Is-Segretarju Eżekutttiv qara r-rapport mħejji mill-Perit tal-Kunsill fejn qal li kemm l-orħos offerent is-Sur Jason Bugeja u t-tieni l-orħos offerent KAP Services Ltd għandhom ir-rekwisiti u d-dokumenti kollha mitluba fit-tender.

Ġie nnotat illi d-differenza bejn dawn iż-żewġ offerenti kienet biss ta' €100.00 u li l-KAP Services Ltd kien diġa għamlilna restawr fuq niċċa oħra. Il-Kunsill innota illi l-ammont li tefa` s-Sur Jason Bugeja rigward ir-rapport tal-*conservation architect* huwa ta' valur baxx ħafna u dan skond parir mogħti mil-Perit tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għadna nitolbu l-parir tal-Perit tal-Kunsill fuq dan il-fatt u fil-każ nitolbu kjarifika fuq dan il-punt. Fid-dawl ta' dan il-Kunsill qabel li tingħata lill-orħos offerent ċioe` lis-Sur Jason Bugeja wara li nieħdu parir min-naħa tal-Perit tal-Kunsill.

- Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ppreżenta ċertifikat tal-*fairplay* u nforma lill-Kunsilliera preżenti illi is-Sur Matthew Pace tal- 47 Summer Nights nfurmawh b'laqgħa mal-Ministru Clyde Puli fejn stiednu biex jattendi għal din il-laqgħa biex issir *jogging track* wiesgħa ta' metru fil-lokalita` ta' Marsaskala.

7.0 ***Data tal-Laqgħa Annwali tal-Kunsill:***

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-laqgħa annwali tal-Kunsill isir lejn l-aħħar ta' Marzu 2012.

8.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

9.0 ***Mozzjonijiet:***

9.1 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur Lawrence Ciantar (#310 – 6/2/12):**

*"Jipproponi li nixtru apparat tal-logħob ġdid waħda għal Ġnien Antoine Randich ta' eta' minn 3 sa 6 snin u tapit ġdid skond l-għoli tal-apparat li nixtru".*

Il-Kunsill qabel unanimament li noħorġu sejħa għall-kwotazzjonijiet.

9.2 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur Lawrence Ciantar (#311 – 6/2/12):**

*"Jipproponi li jsir xogħol ta' sigurta' fi Ġnien Antoine Randich, fosthom: gates ġodda, fence tal-ħadid, kurduna tal-konkos mall-planters, ċaqliq ta' bankijiet, xogħol ta' żebgħa, skond ir-rapport tal-MSA. Dan ix-xogħol għandu jsir fiż-żmien xahrejn għax issa għadda ħafna żmien minn meta ġie r-rapport f'idejna. Dan ix -xogħol jekk ma jistax isir mill-ħaddiema tal-Kunsill għandu jsir min kuntrattur".*

Il-Kunsill qabel unanimament illi nqabdu l-ħaddiema ta' l-IPSL u nordnaw il-gates li hemm bżonn.

9.3 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur Lawrence Ciantar (#312 – 6/2/12):**

*"Jipproponi sabiex isir* xogħol ta' tkomplija ta' bankina min Triq il-Blajjiet għal Triq San Ġwakkin. Permezz ta' din il-bankina ħa nnaqsu il-qtuħ tal-ħaxix minn fuq tat-triq".

Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw mill-fondi tal-UIF.

9.4 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur Lawrence Ciantar (#313 – 6/2/12):**

*"Jipproponi sabiex isir survey mill-Perit tal-Kunsill dwar l-istat tat-toroq fil-lokal tagħna Marsaskala. Il-Perit irid jgħid min x'hiex ġiet il-ħsara fit-toroq u jipproponi x'għandu jsir. X'inhi n-nefqa biex isir ix-xogħol li qed jissuġġerixxi u kemm jaħseb li jieħu żmien biex isir ix-xogħol".*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata għax diġa kien sar ir-rapport.

9.5 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#314 – 8/02/12):**

*"Jipproponi sabiex nagħmlu dawl ġdid fejn m'hemmx fi Triq Apap Bologna".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

9.6 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#315 – 8/02/12):**

*"Jipproponi sabiex nagħmlu 2 bozzoz ġodda fil-bidu ta' Triq il-Bidni".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

9.7 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#316 – 8/02/12):**

*"Jipproponi sabiex jitkompla r-resurfacing fil-Bidni minn ħdejn il-Kappella sa Triq iż-Żafran".*

Ġie deċiż unanimament li nitolbu stima lill-Perit.

9.8 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#317 – 8/02/12):**

*"Jipproponi sabiex nitolbu lis-sidien ta' Monita` sabiex jerġgħu jiftħu Triq il-Bajja għal Triq Dun Frans Bianco kif kien miftiehem wara li jitlesta l-iżvilupp".*

Ġie deċiż unanimament li nibgħatu ittra.

9.9 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#318 – 13/02/12):</u>**

*"Jipproponi sabiex nagħmlu bozza ġdida fil-Bajja San Tumas ħdejn is-Summer time bar".*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

9.10 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#319 – 14/02/12):</u>**

*"Jipproponi sabiex nagħmlu bozza ġdida fit-triq ta' quddiem niċċa ta' San Spiridjun."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

- Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ssuġerixxa sabiex niktbu lit-TM u nistaqsuhom jekk jistgħax isir parkeġġ għal *full time fisherman* sabiex ikunu jistgħu jipparkjaw it-trakkijiet tagħhom fit-triq. F'każ li t-TM tagħtina l-approvazzjoni għandna napplikaw għal dan ir-*reserved parking* fi Triq Apap Bologna.

10.0 ***<u>Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:</u>***

Ma kien hemm l-ebda informazzjoni

11.0 ***<u>Aġġornament:</u>***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku